# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 18**

**Rikors numru 262/23/1 LM**

**Antonia Micallef**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi minn sentenza mogħtija fis-6 ta' Marzu 2024, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha a karigu tal-istess rikorrenti wara li ma sabitx ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attriċi hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni, u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, b'konsegwenza tal-allegat

dewmien irraġonevoli fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. L-attriċi żżewġet lil Claude Degiorgio fil-15 ta' Lulju 2008 u minn dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed, fit-22 ta' Diċembru 2008.

3. Iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment u l-esponenti istitwiet azzjoni ta' annullament kontra Claude Degiorgio fil-15 ta' Frar 2012 (Rik. Ġur. Nru. 30/2012 AGV).

4. L-attriċi intavolat ukoll proċeduri ta' separazzjoni personali kontra Claude Degiorgio fil-15 ta' Mejju 2012 (Rik. Ġur 112/2012 AGV), li eventwalment ġew konvertiti fi proċeduri ta' divorzju, u dan sabiex jiġu regolati wkoll l-aspetti finanzjarji taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet, kif ukoll il-kura u kustodja, aċċess u manteniment relattivi għal binhom minuri li dak iż-żmien kellu ċirka tlett snin u nofs.

5. Il-proċeduri ta' annullament u ta' separazzjoni ġew konnessi u għalhekk bdew jimxu flimkien. Iż-żewġ proċeduri ġew deċiżi mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Marzu 2022, u ċjoè ċirka għaxar snin wara li ġew intavolati.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

6. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar it-18 ta' Mejju 2023, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-attriċi, illum appellanta, talbet dikjarazzjoni illi hi sofriet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha hekk kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea b'konsegwenza tad-dewmien esaġerat u irranġonevoli fil-proċeduri tal-annullament u dawk ta' separazzjoni/divorzju fl-ismijiet *Antonia Degiorgio v. Claude Degiorgio*. Talbet ukoll illi jingħata rimedju xieraq għal tali leżjoni hekk sofferta.

7. Permezz ta' risposta datata 30 ta' Ġunju 2023, l-Avukat tal-Istat, sostna illi qabel kollox ir-rikorrenti jeħtiġilha illi ġġib prova illi tabilħaqq kien hemm dewmien irranġonevoli fil-proċeduri indikati. Iżid illi m'hemm l-ebda *time limit* li l-Qorti bilfors trid tosserva fil-kors tal-proċedura quddiemha għaliex inkella l-interess tal-ġustizzja jista' jiġi preġudikat minħabba għaġġla żejda. L-Avukat tal-Istat jafferma ukoll illi sa fejn it-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrenti ma elaborat xejn fuq dan, b'dana illi l-Avukat tal-Istat qajla jifhem kif il-fattispecie ta' dan il-każ jinkwadraw ruħhom taħt il-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

8. B'sentenza datata 6 ta' Marzu 2024, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-attriċi, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat tal-Istat u ordnat li l-ispejjeż kollha ta' din il-proċedura għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Ċ. L-Appell:**

9. L-attriċi ħassitha aggravata minn din id-deċiżjoni u intavolat appell nhar il-25 ta' Marzu 2023 u talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u minflok tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha tagħha, inkluż billi tillikwida kumpens adegwat għall-ksur ta' drittijiet fondamentali sofferti mill-attriċi u tordna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont hekk ordnat minnha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess Avukat tal-Istat.

10. L-Avukat tal-Istat permezz ta' risposta datata 18 ta' April 2024 sostna illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi konfermata *in toto, inter alia* afferma illi kienet l-attriċi li talbet illi l-proċeduri tal-annullament u dawk tas-separazzjoni jinstemgħu flimkien u għalhekk ma tistax tilmenta mill-aġir tagħha stess, imbagħad tippretendi li tiġi kkumpensata għaliex *commodum ex injuria sua non habere debet u vigilantibus et non dormientibus jure subveniunt*. Iżid illi l-proċeduri kellhom jieħdu l-ħin tagħhom tenut kont tal-importanza tal-kwistjonijiet li kellhom jiġu indirizzati.

11. Illi r-rikors tal-appell huwa msejjes fuq żewġ aggravji.

*L-Ewwel Aggravju:*

12. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti tisħaq illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet illi l-attriċi ma sofrietx ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Tisħaq illi l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti kienu bbażati fuq apprezzament żbaljat tal-fatti. Tisħaq illi kien żewġha li f'diversi okkażjonijiet baqa' jinsisti illi l-proċeduri ta' annullament u dawk ta' separazzjoni għandhom jibqgħu konnessi. Tinsisti illi ma kien hemm l-ebda raġuni valida u ġusta sabiex il-kawżi jibqgħu jimxu flimkien *stante* li wara li l-proċeduri ta' annullament kienu ilhom tmien snin pendenti, f'dak l-istadju kienu qiegħdin jinstemgħu biss provi relatati mal-proċeduri ta' separazzjoni. Targumenta illi l-Ewwel Qorti bħala organu statali hija mgħobbija b'obbligu pożittiv li tiggarantixxi d-drittijiet fondamentali ta' dawk kollha li jidhru quddiemha, u l-adempiment ta' dan l-obbligu fil-każ odjern kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tirrifjuta li tkompli tħalli l-kawża ta' annullament pendenti mingħajr raġuni valida *stante* li l-provi relevanti għal dik il-kawża kienu diġà tressqu.

13. Iżżid illi b'referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fir-rigward in-numru ta' seduti li nżammu, tisħaq illi hi ħassitha

aggravata li l-Ewwel Qorti tefgħet it-tort għad-dewmien fuqha meta tenniet illi meta ma sar xejn fl-imsemmija seduti, dan seħħ bil-kunsens tal-attriċi. Isostni illi hi kien ikollha tieħu l-*leave* mix-xogħol biex tattendi għal tali seduti, liema *leave* kien qiegħed jiġi moħli kull darba li ma jsir xejn. Tafferma wkoll illi hi ma setgħet tagħmel xejn għajr li tilmenta, b'dana illi ma kellha l-ebda poter li tagħmel xejn aktar.

14. B'referenza għal dak rilevat mill-Ewwel Qorti fir-rigward in-numru ta' xhieda prodotti, issostni illi erbatax-il xhud f'kawża ta' annullament/separazzjoni mhumiex xi ammont konsiderevoli, tenut kont tan-natura tal-prova li trid issir f'dawn il-kawżi. Tafferma illi hi ressqet il-provi tagħha b'mod dixxiplinat u mingħajr ħela ta' seduti. Filwaqt illi tikkonċedi illi l-provi *viva voce* tressqu b'mod spezzettat, dan ma kienx minħabba xi nuqqas attriwibbli lill-attriċi, iżda unikament lill-Istat li naqas milli jagħti lill-Qrati r-riżorsi neċessarji, u li l-intransiġenza ta' żewġha ma tistax tgħaddi in osservata, b'dana illi l-kawża kienet imħollija għall-provi ta' Claude Degiorgio għal ċirka ħames snin sħaħ, li parti sostanzjali minnhom kienu moħlija. Lanqas ma kellha tiġi addebitata ħtija għaliex il-kontroeżami tal-istess żewġha sar fuq medda ta' ħames seduti, meta kif affermat minnha stess fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-ħin allokat għal kull seduta ma kienx biżżejjed.

15. B'referenza għal dak rilevat mill-Ewwel Qorti dwar ir-rikorsi *pendente lite,* l-appellanta ssostni illi l-partijiet fil-proċeduri ta'

separazzjoni ressqu għoxrin rikors fuq medda ta’ għaxar snin, liema rikorsi kienu kollha deċiżi *in camera* u għalhekk ma kellhom l-ebda impatt fuq id-dewmien tal-kawża. Minn dawn l-għoxrin rikors, l-appellanta intavolat biss tmienja, filwaqt li l-bqija kienu ippreżentati minn żewġha. Ilmentat illi l-Ewwel Qorti mhux talli naqset milli tieħu konjizzjoni preċiża ta’ kemm minn dawk ir-rikorsi ġew preżentati mill-appellanta, iżda talli lanqas xtarret għalfejn kienu hekk preżentati, u jekk kinux tressqu kapriċożżament. Lanqas ma taqbel ma’ dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti fir-rigward in-numru ta’ kawżali li fuqhom hija bbażat il-kawża tal-annullament, konsiderazzjoni li fil-fehma tal-appellanta hija waħda għal kwantu irrelevanti, għaliex kienet il-konnessjoni taż-żewġ kawżi li wasslet għal *dilungar* inutili.

16. Fl-aħħarnett, l-appellanta tafferma illi ma tistax ma tħosshiex aggravata illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi hija ma sofriet l-ebda ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, fir-rigward ta’ dik il-parti tal-ilment li kien ibbażat fuq l-argument li iktar ħeffa fil-proċeduri kien ser jeħlisha milli jkollha kuntatt kontinwu ma’ żewġha, fil-konfront ta’ liema kien hemm akkużi ta’ stupru.

17. B’referenza għal dan l-ewwel aggravju, l-intimat b’żieda ma’ dak diġà aċċennat *sopra*, irrimarka illi sabiex jiġi determinat jekk hemmx dewmien raġonevoli jew le, iridu jiġu determinati s-segwenti fatturi: (1) in-natura u/jew il-kumplessità tal-każ in kwistjoni; (2) l-imġieba proċesswali

tal-partijiet fil-kawża; u (3) il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess. L-Avukat tal-Istat isostni illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-proċeduri tqajjmu kwistjonijiet partikolari u sensittivi, inkluż kwistjonijiet bħas-saħħa mentali ta' Claude Degiorgio, u kif ukoll kwistjonijiet rigwardanti iben il-partijiet. Fil-fatt l-Imħallef sedenti kien personalment kellem lill-minuri fil-preżenza tal-*guidance teacher*. Fil-mori kienet feġġħet ukoll il-pandemija tal-Covid 19.

18. L-Avukat tal-Istat afferma illi l-provi li nġabu quddiem il-Qorti Ċivili kienu sostanzjali kemm min-naħa tal-attriċi u kemm min-naħa ta' żewġha. Għalhekk ma tistax l-appellanta tilmenta li l-proċeduri damu aktar minn suppost *stante* li l-Qorti tal-Familja kellha wkoll tagħti l-opportunità lill-kontroparti jressaq il-provi tiegħu wkoll. L-intimat josserva wkoll illi minkejja li l-appellanta setgħet faċilment tagħmel rikorsi appożiti sabiex il-kawża tinstema' b'aktar ħeffa, tali tentattiv ma sarx. Jidher għalhekk illi minkejja li l-appellanta kellha rimedju, m'għamlitx użu minnu.

19. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward dan il-punt:

> **"Il-proċeduri tal-annullament**
>
> *Għal dak li jirrigwarda l-proċeduri tal-annullament, il-Qorti sabet li kien hemm ta' mill-inqas tlieta u erbgħin udjenza quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni talFamilja) bejn il-15 ta' Frar, 2012, meta ġew intavolati l-imsemmija proceduri mir-rikorrenti, u t-30 ta' Marzu, 2022, meta ngħatat is-sentenza ta' dik il-Qorti. Ma jidhirx li fosthom kien hemm xi*

*udjenzi fejn inħela xi żmien, u dan meħud in konsiderazzjoni li l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2013, ma setgħetx issir stante li l-Imħallef sedenti kien indispost, u l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2021 ma saritx minħabba li dak iż-żmien kien hemm l-imxija tal-COVID-19. Dan qiegħed jingħad anki fid-dawl tal-fatt li sadanittant meta quddiem dik il-Qorti kien hemm diversi seduti fejn ma sar xejn, dan kien għaliex filfrattemp kien għaddej il-proċess tal-ġbir tal-provi permezz ta' diversi assistenti ġudizzjarji konsekuttivi, b'kollox mhux inqas minn sebgħa u tletin seduta fejn fil-maġġor parti kbira tagħhom dejjem inġabru l-provi tal-partijiet, għajr għas-seduti tat-13 ta' Frar, 2013, tat-18 ta' Frar, 2014, tad-19 ta' Novembru, 2014, tad-19 ta' Frar, 2016, u tat-18 ta' Mejju, 2017, li ġew ikkanċellati mill-avukat difensur ta' Claude Degiorgio, iżda mingħajr ma ġiet reġistrata l-ebda oppożizzjoni min-naħa tar-rikorrenti, dik tal-21 ta' Jannar, 2014, fejn kien hemm theddida ta' bomba u l-avukat difensur ta' Claude Degiorgio kienet impenjata quddiem qorti, dawk tat-23 ta' Mejju, 2013, u tal-21 ta' Ġunju, 2013, fejn ix-xhud ma deherx, is-seduti tat-13 ta' Ottubru, 2016, u tat-3 ta' Novembru, 2016, li tħassru fuq talba tal-avukat difensur tar-rikorrenti, is-seduta tal-1 ta' Frar, 2018 fejn tħarrek xhud li kellu minflok jixhed fil-proċeduri ta' separazzjoni, is-seduta tat-8 ta' Mejju, 2018, li stante li bdiet tard ma setgħetx titkompla, is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2018 li ġiet ikkanċellata fuq talba tal-avukat difensur tar-raġel tar-rikorrenti, is-seduta tat-13 ta' Ġunju, 2018, stante li x-xhud ma ġiex notifikat fil-ħin, is-seduta tat-28 ta' Ġunju, 2018, għaliex ix-xhud ma setax jattendi, u s-seduta tat-3 ta' Diċembru, 2018, fejn l-avukat difensur ta' Claude Degiorgio ma kellha l-ebda informazzjoni dwar in-notifika o meno tat-taħrika tax-xhieda.*

*Il-Qorti tikkunsidra li għalkemm huwa minnu li kien hemm diversi seduti li tħassru min-naħa tal-avukat difensur tar-raġel tar-rikorrenti, kif indikat iktar 'il fuq, dan sar saħansitra mingħajr ma ġiet reġistrata l-ebda oppożizzjoni min-naħa tagħha, anzi fil-maġġoranza tagħhom kien hemm ukoll il-kunsens tal-istess rikorrenti. Barra minn hekk, il-Qorti ma tikkunsidrax li l-imsemmija seduti tħassru kapriċċjożament bil-għan li l-proċeduri tal-annullament jitwalu. Jingħad ukoll li r-rikorrenti ma pprotestatx fl-ebda ħin meta nqalgħu xi ntoppi fil-produzzjoni tax-xhieda tar-raġel tagħha, bħal xhud li tħarrek ħażin jew xhud li ma ġiex notifikat jew li naqas milli jattendi. L-istess jingħad fir-rigward tar-rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija li tħarrek u naqas li jattendi.*

*Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll li r-rikorrenti kienet qiegħda ssejjes it-talba għall-annullament fuq erba' mis-subinċiżi tas-subartikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalkemm hija*

*kellha kull dritt li tagħmel dan mingħajr ma tippreġudika d-dritt tagħha ta' smigħ fi żmien raġonevoli, wieħed jifhem li l-provi min-naħa tagħha ma setgħux jonqos li kellhom ikunu pjuttost fit-tul, tant hu hekk li hija damet iktar minn tliet snin sabiex għalqet il-provi tagħha. Iżda xorta waħda tilmenta li d-dewmien kien attribwibbli għan-nuqqas ta' riżorsi allokati lill-qrati mill-Istat, kif kien il-każ fir-rigward tal-eżami tar-raġel tagħha u l-kontroeżami tagħha li damu tnax-il xahar sabiex jiġu konklużi. Tajjeb li hawnhekk jiġi rilevat li min-naħa tagħha ir-rikorrenti ħadet ħames seduti sabiex tagħlaq il-kontroeżami ta' żewġha. Ix-xhieda tagħha kienu daqstant numerużi, kif kien juri l-elenku anness mar-rikors ġuramentat tagħha, li fih kienet indikat mhux inqas minn tlieta u ħamsin xhud, li minnhom ittellgħu erbatax-il xhud. Ċertament ir-rikorrenti kellha kull dritt li tagħżel ix-xhieda tagħha, iżda l-għażla kellha l-konsegwenzi inevitabbli u legali tagħha, u mingħajr dubju dan m'għamlitux fl-għama. L-għażla tax-xhieda tagħha għalhekk tat lok għal diversi kontroeżamijiet min-naħa tar-raġel tagħha, sabiex b'hekk kważi sal-aħħar tas-sena 2019 kienu għadhom qegħdin isiru l-imsemmija kontroeżamijiet, kif wara kollox kellu kull dritt li jagħmel. Il-kawża nqatgħet kważi sena u nofs wara, fejn fil-frattemp ir-raġel tagħha kompla jtella' x-xhieda tiegħu, faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, u nqalgħet kwistjoni serja dwar it-tifel minuri tal-partijiet, li kienet tirrikjedi li l-Imħallef ikellmu personalment flimkien mal-guidance teacher tiegħu fis-27 ta' Mejju, 2021, u jitħejja wkoll rapport mingħand id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal.*

*Il-Qorti tosserva li għalkemm il-każ li ressqet ir-rikorrenti għall-annullament taż-żwieġ tagħha, ma kienx wieħed kumpless, kif sewwa tirrileva r-rikorrenti, iżda xorta waħda ttawwal għal numru konsiderevoli ta' snin. Iżda meħudin in konsiderazzjoni t-talbiet u l-każ kif ġew ippreżentati mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), u l-assjem ta' dak kollu li seħħ waqt is-smigħ tal-proċeduri ta' annullament taż-żwieġ tar-rikorrenti, ma jistax jingħad li kien hemm xi delungar irraġonevoli li hija tista' tilmenta dwaru allegatament kaġun tal-aġir jew nuqqas tar-raġel tagħha, li skont kif tallega r-rikorrenti ma sab l-ebda rażan min-naħa tal-Qorti kompetenti. Hija tilmenta li meta lejn l-aħħar ir-raġel tagħha ppreżenta nota fejn wera x-xewqa li l-proċeduri għall-annullament u dawk għas-separazzjoni kellhom jibqgħu jinstemgħu flimkien, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kellha tikkunsidra li l-ewwel proċeduri kienu ilhom pendenti tmien snin, u l-provi kienu jolqtu l-kawża għas-separazzjoni. Iżda l-Qorti tagħraf li minkejja l-ordni li ngħatat mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar, 2015, sabiex wara s-seduta tat-12 ta' Marzu, 2015, jitressqu dawk il-provi relatati ma' dik il-kawża, kienet ir-rikorrenti stess li ressqet provi li ma kellhom xejn x'jaqsmu mat-talbiet*

*tagħha għall-annullament. Ir-rikorrenti tgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li l-proċeduri tmexxew flimkien fuq l-insistenza tar-raġel tagħha, iżda l-Qorti ma ssibx ħjiel ta' dan fl-atti relattivi, u lanqas tal-allegata insistenza tiegħu wara l-ordni li ngħatat minn dik il-Qorti waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru, 2017, għall-ħatra ta' assistent ġudizzjarju separat għall-kawża ta' separazzjoni. Għal dak li jirrigwarda l-fatt li l-kwistjoni reġgħet qamet waqt l-udjenza tas-7 ta' Frar, 2019, hawnhekk ukoll il-Qorti ma ssib xejn fil-verbal relattiv, fejn saħansitra hemm indikat li kienet il-Qorti stess li ssuġġeriet li l-kawżi jibqgħu konnessi sabiex jinqatgħu flimkien. Tirrileva wkoll li ma jidhirx mill-verbali li l-proċeduri għall-annullament kienu tħallew pendenti minn dik il-Qorti kif allegat mir-rikorrenti, għaliex jirriżulta li l-proċeduri msemmija baqgħu dejjem stradati sew fejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ippreseduta mill-Imħallef Anthony G. Vella saħansitra semgħet hi stess il-provi tal-partijiet b'mod regolari, u fejn spiss ħeġġet kontinwament lill-partijiet sabiex jagħlqu l-provi tagħhom. Ir-rikorrenti ssostni li affaċċjata bl-allegazzjoni tagħha ta' stupru fil-konfront tar-raġel tagħha, bil-għan li hija toħroġ tqila u tibqa' miegħu, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kellha tieħu dan kollu b'serjetà kbira, u tnaqqas kull delungar fil-proċeduri. Iżda hawnhekk din il-Qorti tgħid li l-argument tar-rikorrenti ma jsegwix. It-tnaqqis fid-dewmien tal-proċeduri ma kienx bl-ebda mod ser iħassar dak li seħħ, partikolarment fejn ir-rikorrenti wara li l-proċeduri ta' annullament ntemmu u ġabu fix-xejn iż-żwieġ tagħha, xorta waħda baqgħet affaċċjata bil-fatt li hija ma kellha l-ebda għażla jekk tibqax f'kuntatt o meno mar-raġel tagħha, għaliex it-tarbija li twieldet sawret rabta bejniethom b'mod jew ieħor għal dejjem.*

*Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma ħadet l-ebda azzjoni fil-konfront tar-raġel tagħha meta dan dam aktar minn sena wara t-terminu mogħti lilu sabiex jippreżenta l-affidavit tiegħu. Iżda l-Qorti tosserva li għalkemm ordnata permezz tad-digriet tal-21 ta' Frar, 2012, mogħti minn dik il-Qorti sabiex tippreżenta l-affidavits kollha tagħha, ir-rikorrenti damet sena sabiex ottemporat ruħha ma' dak id-digriet. Dan l-aġir tagħha stess ma jistax ma jiġix ikkunsidrat ukoll, u l-Qorti tqis li jxejjen mhux biss l-argument tagħha appena mfisser, iżda anki kull ilment li hija tagħmel dwar in-nuqqas ta' riżorsi allokati lil dawn il-Qrati mill-Istat. Barra minn hekk, l-aġir laxk tagħha stess ma jistax ma jiġix ikkunsidrat li jimmilita serjament kontra l-ilment tagħha dwar dewmien fil-proċeduri.*

*Il-proċeduri ta' separazzjoni*

*Kif irrilevat ir-rikorrenti, il-proċeduri ta' separazzjoni dejjem imxew ma' dawk tal-annullament wara li hija ntavolat ir-rikors ġuramentat tagħha fil-5 ta' Mejju, 2012, jiġifieri kważi tliet xhur wara li saru l-proċeduri tal-annullament, u dak ir-rikors ġie appuntat għall-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2012. Bħal fil-każ tar-rikors ġuramentat li permezz tiegħu nfetħu l-proċeduri tal-annullament, ir-rikorrenti ppreżentat elenku konsiderevoli ta' xhieda li hija kienet bi ħsiebha tħarrek matul il-proċeduri. L-istess sar min-naħa tar-raġel tagħha li ppreżenta wkoll kontrotalba. Jidher li matul il-proċeduri saru xi tentattivi sabiex jintlaħaq ftehim bonarju bejn il-partjiet, u għalhekk darbtejn il-kawża ġiet differita għal dan il-għan, iżda t-tentattivi kienu mingħajr suċċess. Sadanittant, fit-18 ta' Mejju, 2012, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet diġà' ħarġet digriet fejn ordnat lill-partijiet sabiex fi żmien tletin jum huma jippreżentaw l-affidavits tagħhom u ta' dawk ix-xhieda li setgħu jixhdu b'dan il-mod, flimkien mad-dokumenti relattivi. Madankollu l-ebda parti m'ottemporat ruħha ma' dan id-digriet, fejn l-attriċi saħansitra baqgħet tippreżenta l-affidavits tagħha sat-3 ta' Marzu, 2015. Għalhekk ftit jista' jinftiehem l-ilment tar-rikorrenti li l-eżami tar-raġel tagħha u l-kontroeżami tagħha ttawwlu sena, meta hija stess damet kważi tliet snin sabiex tippreżenta l-affidavits tagħha.*

*Dwar l-ilment tar-rikorrenti li ż-żewġ kawżi baqgħu jimxu flimkien, u dan fejn ir-raġel tagħha dejjem oppona li jsir mod ieħor, il-Qorti tirrileva li waqt l-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2012, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet ordnat lill-partijiet sabiex jippreżentaw kopja legali tal-provi li tressqu fil-proċeduri talannullament, u li kellhom jagħmlu stat ta' fatt fil-proċeduri ta' separazzjoni li kellha quddiemha, u dan bi qbil mal-partijiet. Bl-istess mod il-partijiet qablu quddiem dik il-Qorti waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2013, li x-xhieda tat-tobba, psikjatri, psikoloġi, social workers, rappreżentanti tal-Isptar Monte Carmeli u tal-Alcoholics Anonymous fi ħdan l-Aġenzija Sedqa, kellhom jiġu esebiti fl-atti wara li jkunu nstemgħu. Imbagħad, iktar minn sitt snin wara li kienu ġew intavolati l-proċeduri, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-12 ta' Diċembru, 2017, ġiet infurmata bid-digriet li kien sar mill-istess Qorti, diversament ippreseduta, fil-proċeduri ta' annullament sabiex iż-żewġ kawżi jinstemgħu separatament, u għalhekk ħatret lill-Avukat Greta Mifsud Agius bil-għan li jinġabru l-provi tal-partijiet. L-inkarigu tal-Assistenta Ġudizzjarja madankollu ġie revokat fit-8 ta' Novembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw l- opportunità li jirregolaw ruħhom, u l-udjenza li nżammet aktar tard fl-istess xahar fit-28 ta' Novembru, 2018, ġiet differita għall-iskop ta' probabbli ċessjoni tal-proċeduri.*

*Fil-5 ta' Marzu, 2019, il-partijiet ippreżentaw rikors konġunt fejn filwaqt li spjegaw li huma kienu laqgħu s-suġġeriment tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), kif diversament ippreseduta, sabiex il-proċeduri ta' separazzjoni jibdew jinstemgħu wkoll minn dik il-Qorti għall-fini ta' speditezza u ekonomija tal-ġudizzju, talbu sabiex il-proċeduri ta' separazzjoni jiġu assenjati lill-Imħallef Anthony G. Vella li kien jippresjedi l-istess Qorti u li kien qed jisma' l-proċeduri tal-annullament. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ippreseduta mill-Imħallef Abigail Lofaro laqgħet it-talba, u b'hekk il-proċeduri bdew jinstemgħu flimkien ma' dawk tal-annullament mill-Imhallef Anthony G. Vella. Waqt l-udjenza tas16 ta' Ġunju, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) issolleċitat lill-partijet sabiex "...jindikaw permezz ta' nota jekk il-kawża numru 30/12 tistax tiġi trattata u deċiża qabel il-kawża l-oħra". Ir-raġel tar-rikorrenti ppreżenta nota fit-22 ta' Lulju, 2020, fejn stqarr li l-proċeduri għandhom jibqgħu jinstemgħu flimkien għaliex kellhom isiru xi kontroeżamijiet tax-xhieda tiegħu min-naħa tar-rikorrenti. Ma jidhirx li r-rikorrenti wieġbet għal dan jew ippreżentat nota f'dan ir-rigward. Il-Qorti tosserva li din kienet l-ewwel darba li jirriżultalha li r-raġel tar-rikorrenti oġġezzjona li l-proċeduri għandhom jinstemgħu separatament, u hija ma offriet l-ebda oppożizzjoni għall-oġġezzjoni tiegħu. Għalhekk il-Qorti ma tista' tikkonstata l-ebda "maniġġi" min-naħa tiegħu li setgħu ostakolaw id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq f'żmien raġonevoli.*

*Il-Qorti hawnhekk ukoll ma tistax toqgħod lura milli tikkummenta fuq l-insistenza tar-rikorrenti fuq il-ħtija tal-Istat għad-delungar fil-proċeduri ta' separazzjoni u anki dawk ta' annullament, fejn tikkontendi li dan id-delungar kien riżultat tal-fatt li l-Istat naqas milli jipprovdi lill-qrati ir-riżorsi opportuni li jassiguraw l-ispeditezza fis-smigħ tal-imsemmija proċeduri. Huwa minnu li dawn il-Qrati m'għandhomx r-riżorsi kollha neċessarji u adegwati sabiex ikunu jistgħu jleħħqu mal-volum ta' kawżi li minn sena għal sena jibqa' jiżdied, u liema kawżi qegħdin jilħqu grad ta' komplessità għoli li jirrikjedi li l-Qrati jiddedikaw iktar ħin għal uħud minnhom. Imma meħud in konsiderazzjoni r-rikorsi bla waqfien tal-partijiet, ftit setgħu jagħtu nifs lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex din tiffunzjona bl-aħjar mod u talloka l-ħin meħtieġ lill-proċeduri ta' separazzjoni. Ċertament dawk ir-riżorsi ulterjuri li qiegħda tippretendi -rrikorrenti li l-Istat għandu jipprovdi lill-Qrati, m'għandhomx jinħlew b'mod kapriċċuż fuq dawk li l-Imħallef Anthony G. Vella wasal sabiex jiddeskrivi bħala piki eżaġerati bejn il-partijiet.*

*Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li ġie miksur fil-konfront tagħha d-dritt għall-ħajja privata u familja, għaliex il-proċeduri kienu jirrigwardaw l-istatus tagħha bħala persuna miżżewġa u l-kura u kustodja ta' binha minuri.*

*L-istess argumenti li hija ressqet fir-rigward tal-allegat ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, hija terġa' tagħmilhom hawnhekk, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser terġa' tidħol fil-mertu tagħhom. Iżżid biss għal dak li jirrigwarda l-minuri MD, li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet irregolat il-kwistjonijiet tal-kura u tal-kustodja tiegħu sa mill-bidunett u dejjem ikkunsidrat u ddeċidiet ir-rikorsi kontinwi u ferm kombattuti tal-partijiet. Il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-aġir tar-rikorrenti u tar-raġel tagħha dwar dawn il-kwistjonijiet ta' kura u kustodja, mhux neċessarjament kien ser ikun wieħed differenti fl-eventwalità li l-proċeduri ma twalux daqshekk, u dan fid-dawl tal-intranżiġenza evidenti tagħhom. Ir-rikorrenti hawnhekk tidħol f'diversi argumenti dwar l-allegat aġir tal-missier u anki tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), iżda l-Qorti tgħid li l-ġurisdizzjoni tagħha ma testendix għal dawn il-kwistjonijiet u lanqas għandha sservi bħala Qorti tal-Appell fejn ir-rikorrenti kienet għażlet li tiddekadi mid-dritt tagħha tal-appell mis-sentenzi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), għaliex ma felħitx tqatta' iktar ħin f'dawn il-Qrati."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

20. Dan l-aggravju jittratta s-segwenti punti indirizzati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, b'rabta mal-allegat dewmien irraġonevoli lamentat mill-appellanti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja): (i) in-numru ta' seduti; (ii) in-numru ta' kawżali invokati mill-attriċi fil-kawża tal-annullament; (iii) in-numru ta' xhieda indikati u prodotti mill-attriċi; (iv) il-provi li tressqu; (v) tnaqqis fid-dewmien kien ifisser li l-attriċi kien ikollha tara lil żewġha inqas speċjalment fid-dawl tal-allegazzjoni ta' stupru; (vi) it-tul ta' ħin meħud minn żewġha għall-preżentata tal-affidavits, u n-nuqqas ta' azzjoni tal-Qorti fid-dawl ta' tali dewmien; (vii) in-numru ta' rikorsi *pendente lite* li kienu intavolati.

21. B'rabta ma' lmenti ta' leżjonijiet ta' drittijiet fundamentali b'rabta ma' dewmien irraġonevoli ġie ritenut illi:

> *"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII)".*[1]

22. Dwar it-tifsira tal-kunċett ta' 'żmien raġjonevoli', il-Qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalità li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjetà demokratika. Dan ifisser illi kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali tiegħu. [2]

23. Din il-Qorti sejra tibda tistħarreġ l-ilment tal-appellanta dwar dewmien esaġerat u irraġjonevoli, billi tixtarr it-tlett binarji prinċipali *ormai ben* assodati fil-ġurisprudenza, b'rabta mal-proċeduri ta' separazzjoni/divorzju u dawk ta' annullament quddiem il-Qorti Ċivili

---

[1] Joseph Gatt et v. Avukat Ġenerali tat-28 ta' Frar, 2014:

[2] Anton Camilleri v. Avukat Ġenerali (Appl. No. 71/2010) the Constitutional Court held on the 1st of February 2016.

(Sezzjoni Familja). Referibbilment għal dawn it-tlett fatturi prinċipali li għandhom jiġu eżaminati, ingħad:

> *"Huwa fid-diskrezzjoni tal-qorti illi tagħrbel u tislet sewwa sew il-għaliex il-proċeduri twalu daqstant u allura b'dak id-dewmien esagerat u mhux ġustifikat seħħet vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq. Fil-kompitu tagħha l-Qorti trid tkun indikata minn tlett indikaturi ewlenin: i) il-kumplessita` tal-każ, ii) l-imġieba proċesswali tal-kontendenti u iii) il-kondotta tal-proċeduri mill-organu ġudizzjarju."*[3]

24. L-awturi Harris, O'Boyle and Warbrick fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw ukoll illi:

> *"The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000- VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].4."*

25. Mill-atti, *inter alia,* jirriżulta s-segwenti fir-rigward il-proċeduri tal-annullament:

- L-attriċi intavolat il-proċeduri ta' annullament nhar il-15 ta' Frar 2012 u bbażat din l-azzjoni fuq erba' kawżali;

- L-attriċi preżentat l-affidavit tagħha fit-23 ta' Marzu 2012, flimkien ma' dokumentazzjoni estensiva;

---

[3] Ara inter alia Nazzareno sive Reno Zarb v. Avukat Ġenerali deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003, Francis Said v. Avukat Ġenerali deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2010, Sydney Ellul Sullivan v. il-Kummissarju tal-Pulizija et deċiż fit-28 ta' Jannar 2013 u Victoria Cassar v. Avukat Ġenerali et deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2019.

- Ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għat-8 ta' Mejju 2012 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Imħallef Noel Cuschieri u f'din l-udjenza ġiet nominata Dr Fransina Abela bħala assistenta ġudizzjarja biex tiġbor il-provi *viva voce*.

- Il-konvenut daħħal ir-risposta ġuramentata tiegħu fit-8 ta' Mejju 2012.

- Fil-31 ta' Mejju, l-attriċi ppreżentat affidavits ulterjuri ta' xhieda oħra, u għamlet l-istess permezz ta' noti ulterjuri preżentati nhar l-1 ta' Ottubru 2012 u nhar is-16 ta' Novembru 2012.

- F'Ottubru tas-sena 2012, il-proċeduri għaddew f'idejn it-tieni Imħallef.

- Fit-22 ta' Novembru 2012, l-attriċi esebiet affidavit ieħor ta' xhud prodott minnha, u l-Qorti anke semgħet testimonjanzi dwar ir-*records* mediċi tal-konvenut.

- Is-seduti quddiem l-Assitent ġudizzjarju bdew fis-6 ta' Diċembru 2012 u kienet qiegħda ssir seduta kważi kull xahar.

- Il-Qorti rat illi l-Kummissjaru tal-Pulizija u/jew rappreżentat tiegħu inġunt mill-attriċi naqas milli jattendi għal diversi seduti minkejja li kien debitament inġunt kull darba, u għalhekk kien hemm numru ta' seduti illi ma ġiet prodotta l-ebda xhieda. Il-Qorti tosserva illi l-istess ġara f'xi okkażjoni fir-rigward ir-rappreżentati tal-banek lokali.

- Fil-21 ta' Jannar 2014, kien hemm thedidda ta' bomba ġewwa l-binja tal-Qorti. <u>F'din is-seduta l-attriċi pprotestat għall-ispejjeż tal-istess seduta.</u>

- F'seduta numru 10 quddiem l-assistenta ġudizzjarja, nhar it-3 ta' April 2014, xehed il-konvenut in kontroeżami, liema kontroeżami kompla fis-seduta numru 11, nhar id-29 ta' Mejju 2014;

- F'Seduta numru 12, il-konvenut xehed in subizzjoni, b'dana illi f'seduta numru 13, tkompla l-kontroeżami tal-konvenut, u ċjoè nhar l-10 ta' Lulju 2014.

- Il-Qorti rat illi sad-19 ta' Frar 2015, l-attriċi kienet għadha m'għalqitx il-provi, fil-fatt hi għalqet il-provi tagħha fis-17 ta' Novembru 2015.

- Waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2015, il-Qorti kif preseduta ordnat illi wara s-seduta skedata għat-12 ta' Marzu 2015, jitressqu biss provi referribli għall-kawża tal-annullament;

- Waqt l-udjenza tat-23 ta' Ġunju 2015 il-Qorti kienet infurmata illi hemm seduta ffisata quddiem l-assistenta ġudizzjarja fl-24 ta' Settembru 2015 għall-konklużjoni tal-provi attriċi;

- Permezz ta' digriet datat 19 ta' Jannar 2016 il-Qorti kif preseduta innominat lil Kenneth Gulia bħala assistent ġudizzjarju, u li kellu jżomm seduta għall-provi tal-konvenut fid-19 ta' Frar 2016.

- Is-seduta nżammet mill-imsemmi Kenneth Gulia iżda l-avukat difensur tal-konvenut talbet differiment minħabba raġunijiet personali. Il-Qorti rat illi ma kienx hemm oppożizzjoni mill-avukat tal-attriċi u fil-fatt fl-imsemmija seduta ma sar xejn.

- Rat illi kienet tinżamm seduta kull xahar quddiem Dr Gulia, u fil-fatt quddiem l-imsemmi assistent ġudizzjarju sar il-kontroeżami tal-attriċi, u l-kontroeżami ta' xhieda oriġinarjament prodotta mill-attriċi.

- Fid-19 ta' Ottubru 2017, wara li rtira l-avukat Gulia, kien nominat Dr Jonathan Spiteri, bħala assistent ġudizzjarju fejn tkomplew il-kontroeżamijiet ta' xhieda prodotta mill-attriċi.

- F'Novembru tas-sena 2018, il-proċeduri għaddew għand it-tielet imħallef, u l-Qorti rat illi ma saru l-ebda oġġezzjonijiet da parti tal-partijiet, iżda infurmaw il-Qorti li kienu qiegħdin isiru s-seduti quddiem l-assistent ġudizzjarju.

- Fl-udjenza tat-30 ta' Lulju 2019, il-konvenut fuq ordni tal-Qorti ngħata sat-30 ta' Settembru 2019 biex jippreżenta l-affidavits tal-membri tal-familja tiegħu, u fl-udjenza tal-15 ta' Otturbu 2019, il-konvenut iddikjara illi sal-aħħar ta' Ottubru ser jippreżenta l-affidavits li kien jonqos u li se jħarrek xi xhieda *viva voce*;

- Fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2019, il-konvenut kien fil-fatt irrinunzja għal xhud.

- Fl-14 ta' Lulju 2021, l-attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, u sussegwentement il-konvenut intavola n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu wkoll.

- Is-sentenza ngħatat nhar it-30 ta' Marzu 2022.

26. Fir-rigward ta' differimenti, il-Qorti *inter alia* rat illi kien hemm differiment wieħed biss minħabba indispożizzjoni tal-Qorti. Il-bqija tad-differimenti, li fil-maġġior parti tagħhom intalbu mid-difensur tal-konvenut minħabba fosthom (i) raġunijiet personali; (ii) sabiex tiġi regolata l-pożizzjoni tal-konvenut fuq il-provi; (iii) żball fl-inġunzjoni; (iv) nuqqas ta' eżitu dwar taħrika ta' xhud. Rat ukoll illi kien hemm okkażjonijiet fejn kif indikat, ix-xhieda debitament mħarrka ma dehrux b'mod partikolari l-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentati tiegħu, u r-rappreżentati tal-banek jew minħabba indispożizzjoni tax-xhud. Rat ukoll illi f'okkażjoni minnhom l-avukat difensur tal-konvenut peress li s-seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju bdiet tard, talbet illi xhud (oħt l-attriċi) tinstema' darba oħra għaliex kellha tattendi seduti oħra. Rat ukoll illi l-avukat tal-attriċi talbet illi jitħassru żewġ seduti. Rat ukoll illi bejn is-sena 2020, u 2021, kien hemm erba' differimenti minħabba l-pandemija tal-Covid 19. Il-Qorti rat illi fl-ebda okkażjoni ma' ġiet reġistrata oppożizzjoni da parti tal-attriċi jew l-avukat difensur tagħha.

27. Il-Qorti tosserva ukoll illi fl-aħħar snin tal-proċeduri kienu tqajmu kwistjonijiet relatati ma' iben il-partijiet, u fil-fatt kien anke ġie redatt rapport mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, u tela' jixhed quddiem il-Qorti tal-Familja kif preseduta, Steve Libreri diversi drabi. Il-minuri kien anke nstema' mill-Imħallef sedenti fil-preżenza tal-*guidance teacher* tal-istess minuri. Din il-Qorti rat illi saħansitra l-uffiċjali fi ħdan id-Direttorat kienet

qiegħda tikkunsidra l-possibilità li jinħareġ ordni ta' ħarsien għal iben il-partijiet.

28. Rat ukoll illi fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2017, il-Qorti tal-Familja, preseduta mill-Imħallef R G Mangion, idderiġiet lill-partijiet sabiex fil-proċeduri ta' separazzjoni personali, jitolbu n-nomina ta' assistent ġudizzjarju ieħor sabiex minn issa 'l quddiem il-provi li jinġabru fil-proċeduri tal-annullament ikunu referribbli limitatament għall-mertu ta' tali proċeduri. Sussegwentement fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Familja issa preseduta mill-Imħallef A G Vella, fuq suġġeriment tagħha, tenniet illi: "*stante illi din il-kawza giet prezentata qabel il-kawza tas-separazzjoni bl-ismijiet premessi li qeghda tinstema' quddiem l-Imhallef Abigail Lofaro u stante li kien hemm zmien , fejn il-provi ta kawza kienu qed jghoddu wkoll ghall-ohra imbaghad tali ordni giet revokata , ikun iktar prattiku li z-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment u jigu decizi minn Qorti wahda kif preseduta u dana ghall-ekonomija tal-Gudizju.*"

29. Il-Qorti rat illi d-difensuri tal-partijiet laqgħu tali suġġeriment u a bazi ta' dan obbligaw ruħhom illi jippreżentaw rikors appositu fl-atti tas-separazzjoni. Sussegwentement fl-udjenza tas-16 ta' Ġunju 2020, il-Qorti tal-Familja ssolleċitat lill-partijiet sabiex permezz ta' nota jiddikjaraw jekk il-proċeduri tal-annullament jistgħux jiġu trattati u deċiżi qabel dawk ta' separazzjoni/divorzju. Permezz ta' nota datata 22 ta' Lulju 2020, il-konvenut sostna illi peress li għad iridu jsiru xi kontroeżamijiet da parti

tar-rikorrenti ta' xhieda prodotta minnu, issottometta illi ż-żewġ proċeduri għandhom ikomplu jinstemgħu flimkien, billi l-provi ta' waħda jikkostitwixxu provi fil-kawża l-oħra.

30. Il-Qorti rriżultalha s-segwenti mill-atti tal-proċeduri tas-separazzjoni personali/divorzju:

- L-attriċi intavolat l-proċeduri nhar il-15 ta' Mejju 2012, u ċjoè ftit xhur wara dawk tal-annullament;

- Il-proċeduri kienu appuntati għas-smigħ quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) preseduta mill-Imħallef Lofaro għas-27 ta' Ġunju 2012.

- Il-konvenut wieġeb fil-31 ta' Mejju 2012, u preżenta wkoll kontrotalba.

- Il-Qorti osservat illi l-attriċi prattikament produċiet dawk l-affidavits prodotti fil-proċeduri tal-annullament.

- Kien hemm perjodu relattivament qasir fejn kien hemm il-possibbiltà ta' ċessjoni tal-proċeduri.

- Nhar is-16 ta’ Novembru 2012, il-proċeduri kienu differiti b’ordni tal-Qorti u l-istess nhar it-18 ta’ April 2013 u l-24 ta’ April 2013.

- Fis-26 ta’ Novembru 2015, il-kawża kienet differita wkoll minħabba indispożizzjoni tal-Qorti.

- Fl-udjenza tat-12 ta’ Diċembru 2017, il-Qorti kienet infurmata illi fil-kawża għall-annullament li qiegħda tinstema’ minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imħallef Mangion ingħata digriet fl-14 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu ġie deċiż li minn dakinhar 'il quddiem il-provi li jinstemgħu f'dik il-kawża ma jibqgħux jgħoddu bħala stat ta' prova għal din il-kawża. Għalhekk il-Qorti ordnat illi l-provi jibdew jinstemgħu mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Greta Mifsud Agius.

- Nhar it-8 ta’ Novembru 2018, il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Ġudizzjarju Dr Greta Mifsud Agius, u l-kawża baqgħet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruħhom.

- Fit-28 ta’ Novembru 2018, l-avukati difensuri preżentaw rikors konġuntiv bi qbil bejn il-partijiet li jirregola manteniment, kura u kustodja u aċċess għall-minuri u jitolbu lill-Qorti biex dan il-ftehim jiġi inkorporat fil-kuntratt u talbu lill-Qorti biex permezz ta' digriet tirrevoka 'contrario imperio' kull digriet li hemm preċedenti li jirregolaw il-manteniment tal-

minuri, kura u kustodja kif ukoll l-aċċess għall-minuri. Il-kawża kienet ġiet differita għall-probabbli ċessjoni għat-8 ta' Jannar 2019 fid-9:15am.

- B'ordni tal-Qorti, minħabba indispożizzjoni, is-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 ġiet differita għat-12 ta' Marzu 2019.

- Fit-12 ta' Marzu 2019, il-Qorti ġiet infurmata illi din il-kawża se tkompli tinstema' mill-Imħallef Antonio Vella;

- Minn Marzu tas-sena 2019 'l quddiem, il-Qori rat illi l-Qorti tal-Familja kif preseduta kienet qiegħda tisma' xhieda *viva voce* hi stess.

- Minn Marzu 2020 sa Ġunju 2020 kien hemm żewg differiment minħabba l-Covid 19.

- Rat illi s-sentenza kellha tingħata fl-20 ta' Ottubru 2021, iżda ma ngħatax minħabba kwistjonijiet relatati ma' iben il-partijiet.

- Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2021 kien hemm differiment fuq ordni tal-Qorti minħabba li l-Qorti kellha tattendi funeral.

- Is-sentenza ngħatat fit-30 ta' Marzu 2022.

31. Rat ukoll illi kien hemm żewġ okkażjonijiet fejn kien hemm il-possibbilità li l-kawża tiġi tranżatta iżda dan ma seħħx. Il-Qorti rat ukoll illi mis-sena 2019, il-Qorti bdiet tisma' xhieda *viva voce* hi stess b'mod regolari.

32. Il-Qorti rat ukoll id-diversi rikorsi *pendente lite* intavolati minn entrambi partijiet, b'dana illi f'okkażjoni minnhom l-attriċi saħansitra talbet illi tiġi awtorizzata tagħmel replika, wara r-risposta intavolata mill-konvenut għat-talbiet tagħha. Il-Qorti b'mod partikolari tagħmel referenza għal digriet *pendente lite* tal-Qorti tal-Familja datat 28 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti issottolineat il-pika esaġerata bejn il-partijiet. Rat illi l-konvenut preżenta l-affidavit tiegħu fl-10 ta' Marzu 2017. Rat ukoll id-digriet tal-Qorti tal-5 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti avżat lill-partijiet illi l-kawża għandha tiġi konkluża sal-aħħar tas-sena kurrenti, u jekk ikun il-każ, tiddikjara hi minn jeddha l-provi magħluqa.

33. F'Gast & Popp v. Gemany (Appl. No. 29357/95) deċiża nhar il-25 ta' Frar 2000, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tenniet illi:

> *"The purpose of those criteria is to determine whether the time taken in the handling of a case is justified. Thus, <u>the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long.</u> (Enfażi tal-Qorti) Conversely, the time taken may be regarded as longer than is reasonable in the light of just one criterion, in particular where its duration is the result of the conduct of the competent authorities. Where appropriate, the duration of a procedural stage may be regarded as reasonable from the outset if it appears to be consistent with the average time taken in handling a case of its type (Limburgse Vinyl Maatschappij and Others, paragraph 188)."*

34. Filwaqt illi din il-Qorti tikkonċedi illi mal-ewwel daqqa t'għajn il-proċeduri in kwistjoni ħadu żmien konsiderevoli biex jiġu deċiżi, mill-kostatazzjonijiet magħmula *sopra*, din il-Qorti ma tqisx illi għandha x'tiċċensura fil-kondotta tal-proċeduri mill-organu ġudizzjarju. Fir-rigward tal-proċeduri tal-annullament din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha rat illi, ma kienx hemm ħela ta' żmien, u d-differimenti li ngħataw fuq ordni tal-Qorti kienu verament ftit. Tafferma wkoll illi minkejja li l-proċeduri għaddew minn taħt idejn tlett Imħallfin differenti, u minn taħt idejn tliet assistenti ġudizzjarji diversi, l-udjenzi u s-seduti kienu jsiru fuq bażi regolari u b'mod kostanti. Lanqas ma jidher illi kien hemm xi telf ta' żmien partikolari kull darba li l-proċeduri għaddew għand Imħallef jew assistent ġudizzjarju ieħor kif ġieli ġara, *ad exemplum* fil-kawża fl-ismijiet: *Iris Cassar et v. Avukat Ġenerali*, deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar is-27 ta' Marzu 2015, fejn saħansitra kien hemm telf ta' żmien minħabba li ma kienx ġie ritornat il-proċess.

35. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tosserva illi fil-proċeduri tas-separazzjoni, kien hemm iktar differimenti fuq ordni tal-Qorti, però tagħraf illi sa Diċembru tas-sena 2017, essenzjalment ma kien qiegħed isir xejn f'dawn il-proċeduri *stante* illi l-provi li kienu qiegħdin jinġabru fil-proċeduri tal-annullament, bi qbil taż-żewġ partijiet, kienu jagħmlu stat ta' prova għall-proċeduri ta' separazzjoni. Dan ifisser illi għal ben kważi ħames snin

(Mejju 2012- Diċembru 2017) effettivament ma sar assolutament xejn f'dawn il-proċeduri u dan bil-kunsens tal-attriċi.

36. Huwa minnu illi kien hemm numru ta' seduti quddiem l-assistent ġudizzjarju illi fihom ma sar xejn minħabba l-avukat difensur tal-istess konvenut, però din il-Qorti fl-ebda okkażjoni ma ravviżat oġġezzjoni da parti tal-attriċi jew l-avukat difensur tagħha, għajr fl-okkażjoni tat-theddida ta' bomba meta l-attriċi oġġezzjonat għall-ispejjeż tas-seduta in kwistjoni. Lanqas ma riskontrat xi rikorsi intavolati mill-attriċi f'dan is-sens, anzi quddiem il-Qorti tal-Familja preseduta mill-Imħallef A Lofaro, il-partijiet kienu jillimitaw ruħhom illi jinfurmaw il-Qorti li għaddejjin s-seduti regolarment u l-attriċi ma ressqet ebda lment. L-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti kienu jkunu ben diversi li kieku l-attriċi kienet qajmet tali oġġezzjonijiet u kienu motivati sew u ġenwinament biss tipprova xortiha. Din il-Qorti bħal l-Ewwel Qorti wkoll hija tal-fehma illi d-differimenti li ntalbu, ingħataw bil-kunsens tal-partijiet u ma kinux intiżi sabiex jiġu dilungati l-proċeduri.

37. Fir-rigward tal-komportament tal-partijiet mill-atti jidher illi l-Qorti tal-Familja, akkordat lill-entrambi partijiet il-ħin neċessarju u appożitu sabiex iressqu dawk il-provi li huma dehrilhom li kellhom iressqu sabiex jippruvaw il-każ tagħhom. Il-konvenut anke ressaq kontrotalba fil-kawża ta' separazzjoni, u għalhekk bħall-attriċi, kellu ukoll jissodisfa l-oneru tal-

prova sal-grad rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili, u mhux jiddefendi biss il-kawża oriġinali.

38. Filwaqt illi din il-Qorti ma tqisx illi għandha ċċanfar lill-partijiet fuq in-numru ta’ xhieda li huma produċew, bl-istess mod l-attriċi ma tistax *ex post facto*, u fid-dawl tan-numru konsiderevoli ta’ xhieda u evidenza minnha prodotta targumenta illi d-digriet mogħti nhar il-5 ta’ Jannar 2021 messu ngħata fl-2017, għaliex tali ammont ta’ xhieda naturalment, kien ser jikkomporta kontroeżamijiet estensivi u fit-tul da parti ta’ żewġha fi stadju ulterjuri, u bħalu kellha d-dritt li tagħmel lix-xhieda prodotta minn żewġha. L-istess japplika għall-kontroeżamijiet tal-partijiet, partikolarment fl-isfond tal-allegazzjonijiet magħmula mill-partijiet fil-konfront ta’ xulxin.

39. Din il-Qorti tagħraf illi r-riżorsi tal-Qorti huma li huma u diġà kellha opportunità li tindirizza tali kwistjoni, però fil-każ odjern, ma tqisx illi n-nuqqasijiet riskontrati f’kawżi preċedenti jsibu applikazzjoni għall-każ odjern. Minkejja tibdil fil-ġudikant li kien qed jisma’ l-kawżi u tibdil fl-assistenti ġudizzjarji, il-proċeduri baqgħu għaddejjin b’ritmu regolari u kostanti. Filwaqt illi l-ħin allokat għas-seduti huwa li hu, tajjeb illi jiġi sottolineat ukoll illi l-affidavits ta’ entrambi l-partijiet kienu twal u dettaljati u rrispettivament mill-ħin li kien ikun allokat f’kull seduta, dan l-eżeċizzju ta’ eżami u kontroeżami kien ser jieħu ħin konsiderevoli. Rat ukoll malli s-sitwazzjoni ta’ iben il-partijiet kienet tinneċessita l-intervent tal-uffiċjali fi

ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, fejn dawn ġew appuntati, involuti fil-proċeduri u mismugħa mill-Qorti minnufih, ripetutament u skont il-bżonn.

40. L-ebda Qorti m'għandha interess illi tħalli proċeduri pendenti quddiemha jiddilungaw inutilment, u hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-Qorti tal-Familja, li aktar minn kull Qorti oħra tista' tapprezza l-kumplessità u s-sensittività tad-dinamiċi li jinħolqu fi proċeduri bħal dawn, ġialadarba ma kienx hemm abbuż da parti tal-partijiet, għarfet illi kellha takkorda l-partijiet iż-żmien opportun sabiex jipproduċu dawk il-provi li huma dehrilhom għandhom jiġu prodotti. Fil-fatt kien biss lejn l-aħħar stadju tal-proċeduri li l-Qorti ċanfret il-pika esaġerata bejn il-partijiet fir-rigward ta' kwistjonijiet relattivi għal iben il-partijiet u anke ordnat illi l-proċeduri għandhom ikunu deċiżi f'qasir żmien.

41. Fir-rigward l-enfasi partikolari tal-appellanta fuq id-dilungar da parti tal-konvenut sabiex jippreżenta l-affidavit tiegħu, filwaqt illi din il-Qorti tikkonċedi illi kuntrarjament għaliha, il-konvenut ħa żmien twil biex jippreżenta tali affidavit, minkejja ordnijiet ripetuti da parti tal-Qorti, tagħraf ukoll illi fl-ebda stadju dan in-nuqqas ma wassal għal staġnar tar-ritmu li bih kienu mixjin il-proċeduri. Għalhekk filwaqt illi dik il-prova partikolari damet ma sabet postha fl-atti, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi meta l-proċeduri jiġu eżaminati fil-kumplessità u l-assjem tagħhom ma tqisx illi

dan il-fattur per se kkaġuna xi forma ta' preġudizzju fuq l-andament tal-proċeduri.

42. Fir-rigward dak rilevat mill-attriċi fir-rigward il-konnessjoni tal-kawżi, din il-Qorti tosserva illi fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ġiet reġistrata oġġezzjoni da parti tal-attriċi, anzi jidher illi dejjem kien hemm aċċetazzjoni ta' dan da parti tal-partijiet, inkluż l-attriċi, u għalhekk ma tistax tifhem kif l-appellanta tenniet illi l-Qorti tal-Familja kellha tipprovdi mod ieħor. A skans ta' ripetizzjoni, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attriċi kellha diversi okkażjonijiet fejn hija setgħet timmanifesta tali oġġezzjoni, iżda kien biss f'dan l-istadju li qiegħda tivvanta dan l-ilment. Il-Qorti rat illi bħalma l-konvenut intavola l-imsemmija nota, l-attriċi setgħet faċilment tagħmel l-istess, għaliex wara kollox f'kull stadju tal-proċeduri, hija kienet debitament assistita minn avukat difensur tal-għażla tagħha.

43. Il-Qorti lanqas ma tqis illi ż-żewġ proċeduri baqgħu konnessi fuq insistenza da parti tal-konvenut, anzi mill-atti jirriżulta b'mod pależi illi l-partijiet dejjem qagħdu għas-suġġeriment u/jew direzzjoni tal-Qorti kif preseduta fi stadji diversi tal-proċeduri. Kulma għamel il-konvenut kien li ppreżenta nota li permezz tagħha għarraf il-pożizzjoni tiegħu mal-Qorti. L-istess opportunità ngħatat lill-attriċi. Mill-ebda verbali ma jidher illi l-konvenut immanifesta xi insistenza partikolari f'dan ir-rigward u filfatt jidher illi entrambi partijiet dejjem abbraċjaw id-direzzjoni tal-Qorti kif preseduta.

44. Il-Qorti lanqas ma tqis illi l-attriċi ġiet ikkastigata mill-Ewwel Qorti minħabba n-numru ta' rikorsi *pendente lite* preżentati. Fl-ewwel lok din il-Qorti tafferma illi l-partijiet huma fil-libertà illi jintavolaw rikorsi *pendete lite.* Tali prassi tista' tgħid hija the *order of the day* fil-Qorti tal-Familja u hija strument li bih il-Qorti tal-Familja tinġieb a konjizzjoni ta' dak li jkun qiegħed jiġri fuq bażi kwotidjana bejn il-partijiet u l-ulied ta' dawk l-istess partijiet. Huwa minnu ukoll illi tali strument jiġi abbużat fuq bażi regolari mil-litiganti, kif osservat mill-Ewwel Qorti, b'dana illi l-Qorti tal-Familja tisfa' tegħreq f'dawn ir-rikorsi.

45. Naturalment, l-intavolar ta' rikors *pendente lite* jinneċessita illi tali rikors jiġi notifikat lill-kontroparti, filwaqt illi l-istess kontroparti tingħata żmien u dritt għar-risposta, b'dana illi qabel kwistjoni tiġi riżolta, ikun hemm it-trapass ta' numru ta' ġranet u f'ċertu ċirkostanzi anke xhur. Filwaqt illi dan jibqa' dritt ta' kull parti, ma jistax jiġi miċħud illi dan ikompli jiddilunga l-proċeduri, speċjalment meta ċertu kwistjonijiet jistgħu jiġu faċilment sorvolati bi ftit rieda tajba. Huwa f'dan l-isfond li saret l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti u filfatt kif diġà affermat *sopra* f'din is-sentenza, kien biss lejn l-aħħar tal-proċeduri illi l-Qorti tal-Familja kif preseduta issottolineat illi hemm pika esaġerata bejn il-partijiet.

46. B'referenza għal dak rilevat mill-appellanta fir-rigward l-allegat stupru kommess mill-konvenut fuq il-persuna tal-appellanta, jirriżulta mill-

atti u minn dak indikat mill-appellanta, illi tul il-mori kien inħareġ ordni ta' protezzjoni favur l-attriċi. Minkejja li din l-allegazzjoni ġiet avvanzata mill-attriċi quddiem il-Qorti tal-Familja, il-Qorti tal-Familja mhijiex mogħnija b'setgħat li effettivament setgħu jinvestigaw b'mod aktar approfondit tali allegazzjoni, u dak li setgħet tagħmel kien li tordna l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni u tenforza tali ordni. Il-Qorti però tosserva wkoll illi minkejja din l-allegazzjoni, u minkejja t-trawma psikoloġika li l-appellanta ssostni illi ġarrbet a kawża taż-żmien li ħadu l-proċeduri, ma ġew avvanzati l-ebda talbiet sabiex *ad exemplum* l-attriċi tiġi protetta minn *re-victimization*.

47. Illi għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi dana l-aggravju huwa wieħed fondat.

48. Permezz tat-***tieni aggravju,*** l-appellanta tilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li ma sofriet l-ebda ksur tad-dritt tagħha għall-ħajja privata u tal-familja hekk kif protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, b'konsegwenza tad-dewmien esaġerat tal-kawżi ta' annullament u separazzjoni/divorzju. L-appellanta filwaqt illi tafferma l-argumenti miġjuba minnha b'rabta mal-ewwel aggravju, iżżid illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra l-impatt li kellhom il-proċeduri fuq id-dritt tagħha għall-ħajja privata u familja, b'dana illi l-istat kellu l-obbligu pożittiv li jitratta dawn il-kawżi b'diliġenza speċjali. Tafferma illi l-Qorti tal-Familja ippermettiet lill-konvenut żewġha li jagħmel minn kollox biex itawwal il-

proċeduri, u ħalliet lill-konvenut jiddetta l-pass tal-proċeduri, m'għamlet xejn biex trażżan dan l-aġir.

49. Tafferma illi l-Ewwel Qorti injorat il-fatt li l-appellanta nżammet legalment miżżewġa bl-obbligi kollha li jinvolvi ż-żwieġ għad-durata tal-proċeduri. Iżżid illi il-proċeduri kkontribwew għas-sitwazzjoni li sab ruħu fiha iben il-partijiet b'dana illi ż-żmien li ttieħed sabiex ġew deċiżi l-proċeduri ppermetta lill-missier jilħaq l-iskop tiegħu li jallontana lill-appellanta minn binha. Dan wassal għal ħsara kbira u rrimedjabbli fir-relazzjoni tal-appellanta ma' binha.

50. L-Avukat tal-Istat *inter alia* afferma illi l-lanjanzi vantati mill-appellanta taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni saru ukoll f'isem binha, li mhuwiex parti minn dawn il-proċeduri, u li fil-ġurnata li ġew intavolati l-proċeduri ma kienx għadu minuri u għalhekk l-appellanta ma setgħet qatt tilmenta f'ismu. *Di piu'* jafferma illi jekk l-appellanta ma kinitx kuntenta bl-eżitu tas-sentenza fir-rigward l-kura kustodja u access tal-minuri kien messha tintavola appell. Iżid illi l-attriċi kienet aċċettat id-deċiżjoni ta' binha li jmur jgħix mal-missier.

51. L-Ewwel Qorti tenniet illi:

> *"Ir-rikorrenti tilmenta wkoll li ġie miksur fil-konfront tagħha d-dritt għall-ħajja privata u familja, għaliex il-proċeduri kienu jirrigwardaw l-istatus tagħha bħala persuna miżżewġa u l-kura u kustodja ta' binha minuri. L-istess argumenti li hija ressqet fir-rigward tal-allegat ksur tad-dritt*

*tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, hija terġa' tagħmilhom hawnhekk, u għalhekk il-Qorti mhijiex ser terġa' tidħol fil-mertu tagħhom. Iżżid biss għal dak li jirrigwarda l-minuri MD, li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienet irregolat il kwistjonijiet tal-kura u tal-kustodja tiegħu sa mill-bidu nett u dejjem ikkunsidrat u ddeċidiet ir-rikorsi kontinwi u ferm kombattuti tal-partijiet. Il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-aġir tar-rikorrenti u tar-raġel tagħha dwar dawn il kwistjonijiet ta' kura u kustodja, mhux neċessarjament kien ser ikun wieħed differenti fl-eventwalità li l-proċeduri ma twalux daqshekk, u dan fid-dawl tal intranżiġenza evidenti tagħhom. Ir-rikorrenti hawnhekk tidħol f'diversi argumenti dwar l-allegat aġir tal-missier u anki tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), iżda l-Qorti tgħid li l-ġurisdizzjoni tagħha ma testendiex għal dawn ilkwistjonijiet u lanqas għandha sservi bħala Qorti tal-Appell fejn ir-rikorrenti kienet għażlet li tiddekadi mid-dritt tagħha tal-appell mis-sentenzi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), għaliex ma felħitx tqatta' iktar ħin f'dawn il-Qrati."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

52. Din il-Qorti ma tqisx illi dana l-aggravju huwa wieħed fondat. B'referenza għal dak rilevat mill-appellanta illi il-Qorti tal-Familja ħalliet lil żewġha jiddetta hu l-andament tal-proċeduri, u li l-Qorti tal-Familja naqset milli teżerċita d-diliġenza speċjali li jirrikjedu dawn il-proċeduri, din il-Qorti żżomm ferm ma' dak rilevat *sopra*, u ma tqisx illi għandha tagħmel approfondiment ulterjuri f'dan ir-rigward. Lanqas ma taqbel mal-appellanta meta tisħaq illi minħabba ż-żmien li ħadu l-proċeduri hija baqgħet marbuta bl-obbligi kollha naxxenti mill-istitut taż-żwieġ.

53. Mill-atti jirriżulta illi l-Qorti tal-Familja fuq talba tal-partijiet laqgħet it-talba għal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk ċertament li l-appellanta ma baqgħetx marbuta b'dan ir-reġim matrimonjali għad-durata kollha tal-proċeduri. Jidher ukoll illi l-manteniment u l-aċċess tal-minuri kienu regolati permezz ta' rikors pendente lite, b'dana illi entrambi partijiet

kellhom ħin mal-minuri, u l-ispejjeż relatati mal-minuri kienu ukoll regolati. Lanqas ma rriżultalha illi ġew avvanzati pretensjonijiet fir-rigward ta' manteniment għall-partijiet, u lanqas ma jidher illi l-partijiet baqgħu jikkoabitaw fl-istess fond, u għalhekk ma tqisx illi l-appellanta baqgħet marbuta bl-obbligi imposti fuq il-konjuġi mill-kodiċi ċivili.

54. Fir-rigward il-minuri, filwaqt illi din il-Qorti tagħraf illi tali sitwazzjoni tista' tgħabbi minuri b'ċertu ansjetà, aġitazzjoni u preokkupazzjoni, jidher illi kien lejn l-aħħar tal-proċeduri li iben il-partijiet kellu jirrikorri għal għajnuna professjonali minħabba l-qagħda psikoloġika tiegħu, u fil-fatt kien ukoll f'dan l-istess stadju li l-Qorti tal-familja kif preseduta irrimarkat illi teżisti pika esaġerata bejn il-partijiet, u fl-aħjar interess tal-minuri talbet l-involviment u d-direzzjoni tad-Direttorat għal Ħarsien tat-Tfal sabiex *kwalsiasi* deċiżjoni u/jew ordni li jinvolvi lill-minuri tkun waħda korroborata mir-rakkomdazzjonijiet tal-professjonisti mis-settur li saħansitra kienu qiegħdin jikkonsidraw illi jista' jkun fl-aħjar interess tal-minuri li ma jibqax jirrisjedi ma' ħadd mill-ġenituri, iżda jitpoġġa taħt Ordni ta' Ħarsien.

55. Ikkunsidrat dan kollu, din il-Qorti ma tqisx illi dana l-aggravju huwa wieħed fondat u għalhekk sejra tiċħdu ukoll.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da